IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 18.12.2014
COM(2014) 743 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

dwar l-eżerċizzju tas-setgħa li jiġu adottati atti delegati kkonferit fuq il-Kummisjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 1060/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar aġenziji li jiggradaw il-kreditu

1. Introduzzjoni

Ir-Regolament (KE) Nru 1060/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar aġenziji li jiggradaw il-kreditu[1] ġie adottat bħala waħda mill-miżuri wara l-kriżi finanzjarja sabiex il-fiduċja fis-suq terġa' tissaħħaħ u sabiex tiżdied il-protezzjoni tal-investituri. Dan ir-Regolament, kif sussegwentement ġie rivedut fl-2011[2] u fl-2013[3], introduċa rekwiżiti ta' reġistrazzjoni u awtorizzazzjoni għall-aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu (credit rating agencies, CRAs) b'superviżur uniku fl-UE, l-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (European Securities and Markets Authority, ESMA) kif ukoll regoli dwar kunflitti ta' interess, rekwiżiti ta' trasparenza u ta' divulgazzjoni għas-CRAs.

Ir-Regolament (KE) Nru 1060/2009, kif emendat fl-2011, jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni li tadotta atti delegati fir-rigward ta':

- Miżati li għandhom jitħallsu lill-Awtorità Ewropea dwar it-Titoli u s-Swieq (ESMA) minn aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu (CRAs) għar-reġistrazzjoni u s-superviżjoni (l-Artikolu 19(2));

- Regoli ta' proċedura sabiex tiġi eżerċitata s-setgħa li jiġu imposti multi jew ħlasijiet perjodiċi ta' penali mill-ESMA (l-Artikolu 23e(7));

- Miżuri li jispeċifikaw aktar jew jemendaw il-kriterji għall-ekwivalenza tal-pajjiżi terzi (l-Artikolu 5(6)); u

- Emenda tal-Annessi tar-Regolament (KE) Nru 1060/2009 (l-Artikolu 37).

2. Bażi ġuridika

Dan ir-rapport huwa rikjest skont l-Artikolu 38a(1) tar-Regolament (KE) Nru 1060/2009. Skont din id-dispożizzjoni, is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni għal perjodu ta' erba' snin mill-1 ta' Ġunju 2011 u l-Kummissjoni hija rikjesta li tfassal rapport fir-rigward tad-delega tas-setgħat qabel tmiem il-perjodu ta' erba' snin.

3. Eżerċizzju tad-delega

A) Tariffi għar-reġistrazzjoni u s-superviżjoni

B'mod konformi mal-Artikolu 19(1) tar-Regolament (KE) Nru 1060/2009, l-ESMA timponi miżati lis-CRAs b'mod konformi ma' dan ir-Regolament u r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni. Dawn il-miżati jkopru b'mod sħiħ in-nefqa meħtieġa tal-ESMA fir-rigward tar-reġistrazzjoni, iċ-ċertifikazzjoni u s-superviżjoni tal-aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu u r-rimborż ta' kull spiża li l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jġarrbu fil-ħidma tagħhom skont dan ir-Regolament, b'mod partikolari b'riżultat ta' kull delega ta' kompiti skont l-Artikolu 30 tar-Regolament (KE) Nru 1060/2009.

Skont l-Artikolu 19(2) tar-Regolament 1060/2009, il-Kummissjoni tadotta att delegat dwar il-miżati, li jiddetermina b'mod partikolari t-tip ta' miżati u l-kwistjonijiet li għalihom huma dovuti l-miżati, l-ammont tal-miżati, il-mod li bih dawn għandhom jitħallsu u l-mod li bih l-ESMA għandha tirrimborża lill-awtoritajiet kompetenti fir-rigward ta' kull spiża li huma jistgħu jġarrbu fil-ħidma tagħhom skont ir-Regolament (KE) Nru 1060/2009, b'mod partikolari bħala riżultat ta' kull delega tal-kompiti f'konformità mal-Artikolu 30 tiegħu. L-ammont ta' miżata imposta fuq aġenzija li tiggrada l-kreditu

[1] ĠU L 302, 17.11.2009, p. 1.
[2] Ir-Regolament (UE) Nru 513/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2011 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1060/2009 dwar aġenziji li jiggradaw il-kreditu, ĠU L 145, 31.5.2013, p. 30.
[3] Ir-Regolament (UE) Nru 462/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1060/2009 dwar aġenziji li jiggradaw il-kreditu, ĠU L 146, 31.5.2013, p. 1.

għandu jkopri l-ispejjeż amministrattivi kollha u jkun proporzjonat għall-introjtu tal-aġenzija li tiggrada l-kreditu kkonċernata.

Il-Kummissjoni Ewropea talbet għal Parir Tekniku mill-Awtorità Ewropea dwar it-Titoli u s-Swieq fl-24 ta' Frar 2011, u rċevietu fis-17 ta' Mejju 2011. Matul it-tħejjija tal-Parir Tekniku tagħha, l-ESMA wettqet konsultazzjoni pubblika mill-14 sas-27 ta' April 2011. Il-partijiet li sussegwentement ġew ikkonsultati mill-Kummissjoni dwar l-abbozz tar-Regolament Delegat jinkludu esperti nazzjonali. Il-membri tal-Grupp ta' Esperti tal-Kumitat Ewropew tat-Titoli ġew konsultati bi proċedura bil-miktub fi tmiem Novembru 2011.

Il-Kummissjoni adottat ir-Regolament Delegat[4] fis-7 ta' Frar 2012 u nnotifikat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill infurmaw lill-Kummissjoni bl-intenzjoni tagħhom li ma jqajmux oġġezzjonijiet f'Marzu 2012. L-att delegat ġie ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* fit-28 ta' Marzu 2012.

B) Regoli ta' proċedura

Ir-Regolament (KE) Nru 1060/2009 jistipula meta l-Bord tas-Superviżuri tal-ESMA jadotta deċiżjoni li timponi multa jew ħlas perjodiku ta' penali fuq aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu.

Skont l-Artikolu 23e(7), il-Kummissjoni Ewropea tadotta aktar regoli ta' proċedura sabiex tiġi eżerċitata s-setgħa li jiġu imposti multi jew ħlasijiet perjodiċi ta' penali, inklużi d-dispożizzjonijiet dwar id-drittijiet ta' difiża, dispożizzjonijiet temporali, u l-ġbir ta' multi jew ħlasijiet perjodiċi ta' penali, u tadotta regoli dettaljati dwar il-perjodi ta' limitazzjoni għall-impożizzjoni u l-infurzar tal-penali.

Il-membri tal-Grupp ta' Esperti tal-Kumitat Ewropew tat-Titoli ġew konsultati mill-Kummissjoni fit-tħejjija ta' dan l-Att Delegat u ġew anke kkonsultati dwar l-abbozz tar-Regolament Delegat bi proċedura bil-miktub f'Ġunju 2012.

Il-Kummissjoni adottat ir-Regolament Delegat[5] fit-12 ta' Lulju 2012 u nnotifikat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. La l-Parlament Ewropew u lanqas il-Kunsill ma ħarġu xi oġġezzjoni matul perjodu ta' oġġezzjoni, u l-perjodu tal-oġġezzjoni lanqas ma kien estiż minn xi waħda mill-istituzzjonijiet. L-att delegat imbagħad ġie ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* fis-16 ta' Ottubru 2012.

C) Kriterji għal ekwivalenza

Il-Kummissjoni qed tingħata s-setgħa li tadotta, permezz ta' att delegat, sabiex jitqiesu l-iżviluppi fis-swieq finanzjarji, miżuri li jispeċifikaw aktar jew jemendaw il-kriterji stabbiliti fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 5(6) għad-determinazzjoni ta' jekk qafas ġuridiku u superviżorju ta' pajjiż terz jistax jitqies bħala ekwivalenti għar-Regolament (KE) Nru 1060/2009. Fost l-oħrajn, is-CRAs f'pajjiżi terzi jkunu soġġetti għal regoli li jorbtu legalment li huma ekwivalenti għal dawk fis-seħħ fl-UE[6].

L-emenda tal-2013 tar-Regolament (KE) Nru 1060/2009 ukoll speċifikat aktar ma' liema dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 1060/2009 ir-regoli li jorbtu legalment fil-pajjiżi terzi jkunu ekwivalenti[7]. Barra minn hekk, il-paragrafu 2(1) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (KE)

[4] Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 272/2012 tas-7 ta' Frar 2012 li jissupplimenta r-Regolament (KE) Nru 1060/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward it-tariffi mitluba mill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq lill-aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu, ĠU L 90, 28.3.2012, p. 6.

[5] Ir-Regolament Delegat (UE) Nru 946/2012 tat-12 ta' Lulju 2012 li jissupplimenta r-Regolament (KE) Nru 1060/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli ta' proċedura dwar multi imposti fuq l-aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu mill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq inklużi regoli dwar id-dritt tad-difiża u dispożizzjonijiet temporali, ĠU L 282, 16.10.2012, p. 23.

[6] Il-paragrafu 2(b) tal-Artikolu 5(6) tar-Regolament (UE) Nru 1060/2009

[7] L-Artikolu 1(5)(a), ir-Regolament (KE) Nru 462/2013

Nru 462/2013 jipprevedi li għadd ta' rekwiżiti legali introdotti għas-CRAs fl-2013 ikunu biss parti mill-kundizzjonijiet għad-determinazzjoni tal-ekwivalenza mill-1 ta' Ġunju 2018.

Minħabba f'hekk u peress li minn mindu s-setgħa li jiġi adottat l-att delegat ġiet introdotta fir-Regolament (KE) Nru 1060/2009 fl-2011[8], il-Kummissjoni ma osservat l-ebda żvilupp fis-swieq finanzjarji li kienu jeħtieġu aktar speċifikazzjonijiet jew emendi tal-kriterji għall-ekwivalenza, sa issa ma ġie adottat l-ebda att delegat.

Il-Kummissjoni adottat deċiżjonijiet ta' implimentazzjoni dwar ir-rikonoxximent ta' oqfsa legali u superviżorji ta' disa' ġurisdizzjonijiet bħala ekwivalenti għar-rekwiżiti tar-Regolament (KE) Nru 1060/2009, skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 38(3) ta' dak ir-Regolament. Il-ġurisdizzjonijiet ikkonċernati huma: il-Ġappun[9], l-Istati Uniti tal-Amerka[10], il-Kanada[11], l-Awstralja[12], l-Arġentina[13], il-Brażil[14], il-Messiku[15], Ħong Kong[16] u Singapor[17].

D) Annessi tar-Regolament (KE) Nru 1060/2009.

Sabiex tqis l-iżviluppi, inklużi l-iżviluppi internazzjonali, fis-swieq finanzjarji, b'mod partikolari fir-rigward tal-istrumenti finanzjarji ġodda, l-Artikolu 37 tar-Regolament (KE) Nru 1060/2009 jipprevedi li l-Kummissjoni tista' tadotta, permezz ta' atti delegati, miżuri sabiex jiġu emendati l-Annessi, eskluż l-Anness III.

Billi l-għoti ta' setgħa sabiex jiġi adottat att iddelegat ġiet introdotta fir-Regolament (KE) Nru 1060/2009 fl-2011[18], dan ir-Regolament ġie emendat permezz tar-Regolament (UE) Nru 462/2013 fl-2013, li kien jinkludi emendi għall-Annessi. L-ewwel irid jiġi osservat l-impatt ta' dawn ir-regoli emendati dwar is-swieq finanzjarji, qabel kull użu futur potenzjali ta' għotjiet ta' setgħa.

4. Konklużjoni

Il-Kummissjoni eżerċitat is-setgħat delegati tagħha sew u fil-ħin sabiex tiżgura li d-dispożizzjonijiet meħtieġa kienu fis-seħħ sabiex l-ESMA twettaq il-kompiti tagħha b'mod sħiħ bħala superviżur tal-aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu fl-UE.

[8] L-Artikolu 1(3)(e), ir-Regolament (UE) Nru 513/2011

[9] Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-28 ta' Settembru 2010 dwar ir-rikonoxximent tal-qafas legali u superviżorju tal-Ġappun bħala ekwivalenti għar-rekwiżiti tar-Regolament (KE) Nru 1060/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar aġenziji li jiggradaw il-kreditu (ĠU L 254, 29.9.2010, p. 46).

[10] Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni tal-5 ta' Ottubru 2012 dwar ir-rikonoxximent tal-qafas legali u superviżorju tal-Istati Uniti bħala ekwivalenti għar-rekwiżiti tar-Regolament (KE) Nru 1060/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar aġenziji li jiggradaw il-kreditu, ĠU L 274, 9.10.2012, p. 32.

[11] Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni tal-5 ta' Ottubru 2012 dwar ir-rikonoxximent tal-qafas legali u superviżorju tal-Kanada bħala ekwivalenti għar-rekwiżiti tar-Regolament (KE) Nru 1060/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar aġenziji li jiggradaw il-kreditu (ĠU L 278, 12.10.2010, p. 17).

[12] Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni tal-5 ta' Ottubru 2012 dwar ir-rikonoxximent tal-qafas legali u superviżorju tal-Awstralja bħala ekwivalenti għar-rekwiżiti tar-Regolament (KE) Nru 1060/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar aġenziji li jiggradaw il-kreditu, ĠU L 274, 9.10.2010, p. 30.

[13] Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni tat-28 ta' April 2014 dwar ir-rikonoxximent tal-qafas legali u superviżorju tal-Arġentina bħala ekwivalenti għall-ħtiġijiet tar-Regolament (KE) Nru 1060/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar aġenziji li jiggradaw il-kreditu, ĠU L 132, 3.5.2010, p. 68.

[14] Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni tat-28 ta' April 2014 dwar ir-rikonoxximent tal-qafas legali u superviżorju tal-Brażil bħala ekwivalenti għar-rekwiżiti tar-Regolament (KE) Nru 1060/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar aġenziji li jiggradaw il-kreditu, ĠU L 132, 3.5.2010, p. 65.

[15] Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni tat-28 ta' April 2014 dwar ir-rikonoxximent tal-qafas legali u superviżorju tal-Brażil bħala ekwivalenti għall-ħtiġijiet tar-Regolament (KE) Nru 1060/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar aġenziji li jiggradaw il-kreditu, ĠU L 132, 3.5.2010, p. 71.

[16] Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni tat-28 ta' April 2014 dwar ir-rikonoxximent tal-qafas legali u superviżorju tal-Brażil bħala ekwivalenti għall-ħtiġijiet tar-Regolament (KE) Nru 1060/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar aġenziji li jiggradaw il-kreditu, ĠU L 132, 3.5.2010, p. 76.

[17] Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni tat-28 ta' April 2014 dwar ir-rikonoxximent tal-qafas legali u superviżorju ta' Singapor bħala ekwivalenti għall-ħtiġijiet tar-Regolament (KE) Nru 1060/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar aġenziji li jiggradaw il-kreditu, ĠU L 132, 3.5.2010, p. 73.

[18] L-Artikolu 1(19), ir-Regolament (UE) Nru 513/2011

Għall-ġejjieni, il-Kummissjoni tqis li d-delega ta' setgħa għandha tinżamm. Dan ikun partikolarment rilevanti f'każ li fil-futur jista' jkun hemm bżonn rieżami tar-Regolamenti Delegati tal-Kummissjoni dwar miżati u dwar regoli proċedurali għal multi u ħlasijiet perjodiċi ta' penali ladarba tkun inkisbet aktar esperjenza dwar kif dawn ir-regoli jaħdmu fil-prattika.

Il-Kummissjoni tistieden lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sabiex jieħdu nota ta' dan ir-rapport.